# “Id-dinja hekk imqassma: lil dan is-sliem, lil dak il-ħrieb* u lilna l-hemm.”

## Ġrajjiet ta’ poplu 1914

(**inkwiet*)

Din is-sensiela tant imfittxija u popolari mal-qarrejja, ta’ kull sena qed dejjem iżżid l-interess. **Aaron Attard-Ħili** ikompli jwassal tagħrif miġbur fuq medda ta’ snin li huwa meħud minn numru ta’ għejun differenti li flimkien idommu l-ġrajja, kultant ta’ gwaj u għelt, tal-antenati tagħna. L-hemm huwa suġġett ta’ numru ta’ qwiel bħalma jixhed l-isem ta’ din il-kontribuzzjoni. Kultant l-għawġ jibda jiġri wara l-bniedem bla heda. Kif jgħidu “X’ħin tiġi, iftħilha.” Iżda l-ħajja mhux daqshekk negattiva. Għandha s-sabiħ ukoll. Hija ironija li sabiex wieħed japprezza s-sabiħ fil-ħajja jeħtieġ li jduq ukoll l-inkwiet u l-imrar tagħha.

---

**Serq**

- Fid-9 ta’ Jannar fil-5.30 p.m., Giuseppi Pace iben Wenzu li kellu r-residenza ta’ 20, Triq Sant’Anton, irraporta li mill-għalqa li tinsab fi Triq Sant’Anton sab neqsin moħriet u biċċa ħabel. Huwa ma jissuspetta f’ħadd.

- Fis-27 ta’ Jannar, fis-6 ta’ filgħaxija, Mikiel Hili, iben Ġużeppi (ma jsemmix fejn kellu r-residenza tiegħu) ġie mħarrek talli fl-24 ta’ Jannar qata’ l-ħaxix mill-għalqa tal-Kanonku Dun Lawrenz Sultana li kienet fl-inħawi Tad-Denfila fil-limiti tax-Xagħra. Il-valur tal-ħaxix kien ta’ tliet soldi. Xhieda ta’ dan kien hemm l-imsemmi sid l-għalqa li kellu 60 sena, iben il-mejjet Ġużeppi ta’ 11 Triq it-Tiġrija, Anton Vella ta’ 21 sena iben Anġlu ta’ 50 Pjazza Rjali (Illum Pjazza l-Vitorja). Iżda fid-19 ta’ Frar, Mikiel ġie lliberat mill-Qorti.

Siegħa wara tal-istess jum, Pietru Refalo, iben Karmnu ta’ 3 Triq Sant’Anton, ġie mħarrek mill-pulizija talli naqas li jagħti t-tagħrif meħtieġ fi żmien tlett ijiem lill-pulizija dwar portmoni tal-ġilda li kien sab fit-triq. Fil-portmoni kien hemm lira sterlina u tnax-il xelin. Kien hemm diversi xhieda.

- Fis-7 ta’ Mejju, fis-6.00 ta’ filgħaxija, Mikiel Galea ta’ 40 sena, iben il-mejjet Pawlu ta’ 22, Triq Għajn Qamar, irraporta li fil-jum li għadda sab kwantita’ ta’silla niexfa nieqsa mill-għalqa li kienet tinsab fl-inħawi ta’ Nwajtar. Is-silla kellha valur ta’ tliet xelini u erba’ soldi. Mikiel ikompli jgħid li fl-istess jum ra munzell ta’ silla fl-għalqa ta’ Mikiel Sultana, ta’ 40 sena, iben il-mejjet Ġużeppi ta’ 9 Triq Gajdoru. Galea issusspetta li din is-silla hija







Il-munita Florin. Quddiem u wara.



Lira tad-deheb.

u akkużatu talli sena qabel naqas li jagħti t-tagħrif dwar ir-rota. Iżda dan ma tressaqx il-Qorti peress li r-reat kien preskritt bi żmien u għalhekk l-akkuża waqgħet.

- Fl-14 ta' Ġunju fil-5 ta' filgħaxija, Kurunat Attard ta' 60 sena iben il-mejjet Ġużeppi ta' 30 Triq Gajdoru u Mikiel Sultana ta' 50 sena iben il-mejjet Ġużeppi ta' 28 Triq Gajdoru, irraportaw li matul il-lejl li għadda, nies mhux magħrufin, daħlu fil-bitħa tar-residenzi rispettivi tagħhom u bidlu l-ħmir rispettivi tagħhom billi poġġewhom waħda f'tal-ieħor.

- Fis-6 ta' Lulju, fl-10 ta' filgħodu, Karmni Mercieca ta' 28 sena bint il-mejjet Ġużeppi, irrapportat li persuni mhux magħrufin daħlu f'darha mill-bieb ta' quddiem li kien miftuħ u ħadu żewġ biskuttini u nofs kwart zokkor ta' valur sold wieħed. Hija ma tissuspetta f'ħadd.

- Fit-23 ta' Lulju, fit-8.30 ta' filgħodu, Ġużeppi Tewma ta' 16-il sena iben il-mejjet Anġlu ta' 18, Triq Bullara, ġie arrestat mill-ispettur Gauci u akkużat talli fit-18 tal-istess xahar, seraq kelba żgħira tal-valur ta' żewġ xelini mingħand Ġużeppi Xerri ta' 60 sena, iben Ġanni. Tewma tressaq il-Qorti fit-23 ta' Lulju u ġie kkundannat għall-16-il jum ta' xogħol iebes.

- Nhar il-11 ta' Settembru, fit-8 ta' filgħodu, Anton Agius ta' 45 sena, iben il-mejjet Ġużeppi ta' 15 Triq il-Ġnien, Għajnsielem, irraporta li meta tela' x-Xagħra għall-festa tal-Vitorja, huwa ħalla l-ħmar

tiegħu. Fuq dan ir-rapport, il-pulizija ġabret din is-silla u ġarritha lejn l-għassa bħala parti mill-investigazzjoni.

- Fis-6 ta' Ġunju, fis-6 ta' filgħaxija, b'ordni tal-ispettur tal-pulizija, C. Gauci, ordna lill-pulizija sabiex jagħmlu tfittxija għal rota ta' karettun li ġiet nieqsa matul il-lejl ta' bejn 4 u l-5 tal-istess xahar. It-tfittxija saret fir-residenza ta' Ġużeppi Muscat ta' 50 sena iben il-mejjet Salvtu ta' 1 Triq San Leonardu, ir-Rabat. Hemm sabu r-rota n-nieqsa. Meta l-pulizija stħarrġet lil Muscat, huwa iddikkjara li, sena ilu, huwa ppermetta lil ċertu Karmnu Gatt ta' 29 sena iben Mikelanġ ta' 89, Triq Sant'Anton, Xagħra, li għix miegħu fl-istess dar għal xi żmien. Ir-rota inkwistjoni nġabet hemm u tpoġġiet minn Gatt innifsu. Gatt stqarr li r-rota nstabet minnu fl-għalqa tiegħu fl-inħawi Ta' Karzjan limiti r-Rabat u poġġuta f'din l-għalqa minn ċertu Pawlu Sultana ta' 30 sena iben il-mejjet Ġużeppi ta' 14 Triq Mannar, Xagħra, wara li kien sabha fi Triq San Leonard.

Fuq din l-indaġni, il-pulizija ħarrket lill-imsemmi Pawlu Sultana



7 Aprile 1914
Matteo Sultana fu Bernardo domic.
a Caccia Str. Cortot riceve dal Uff
di Polizia della Caccia, Gozo il Signor
Luigi Cardani una portamonete con-
tenente denaro, che perdette ieri sera
vicino la chiesa, La somma era di £ 3-16-6
Paolo Farrugia per Sultana

Riċevuta tal-portmoni f'isem Mattew Sultana mingħand il-pulizija.
*(Bil-kortesija tal-Arkivju Nazzjonali Għawdex)*



Il-munita Napuljun ta' valur 20 *franc*. Quddiem u wara.

tiegħu f'għalqa msejħa Ta' Jannar. Iżda meta rritorna sabiex jitlaq lura wara l-festa, huwa sab il-ħmar kważi żarmat! Sab neqsin it-testiera, żewġ biċċiet tal-ġilda u ġummiena dekorattiva li flimkien kienu jiswew tliet xelini. Huwa ma jissuspetta f'ħadd.

• Fl-24 ta' Novembru, fil-5.30 ta' filgħodu, Ġanni Gauci ta' 53 sena iben il-mejjet Pietru ta' 44 Triq Gajdoru, irraporta li waqt li martu kienet sejra lejn id-dar, osservat ġuvni mhux magħruf u li mhix kapaċi tagħraf, ħiereġ mid-dar iġorr żewġ xkejjer żgħar. Meta l-mara daħlet id-dar sabet żewġ xkejjer li flimkien kellhom tnax-il sieħ dqiq neqsin. Hija ma tissuspetta f'ħadd.

**Intilfu**

• Fit-12 ta' Jannar, fis-7 ta' filgħodu, Mikiel Gafa', iben Ġużepp li joqgħod 30, Triq Marsalforn, irraporta li madwar xahar ilu, fix-Xagħra tilef portmoni ta' ġild safrani li ġo fiħ kellu tliet liri Sterlini, nofs lira, napuljun (munita tad-deheb Franċiża ta' valur ta' għoxrin frank) u fjorin.

• Fl-1 ta' Frar, fil-5 ta' filgħaxija, Dun Ruman Bajada (ismu jġib il-prefiss ta' *clergyman*) iben Salvatore ta' 3 Triq Kaċċaturi, irraporta li sab nieqes fenek ta' lewn griż minn għar miftuħ. Il-fenek kien iġib valur ta' xelin u tmien soldi. Huwa ma jissuspetta f'ħadd.

• Fit-12 ta' Marzu, fl-4 ta' filgħaxija, Antonja Stellini, mart Wenzu ta' 40 Triq il-Knisja, iddepożitat xalla tas-suf b'kuluri differenti, li kienet sabet fi Triq Sellum, fl-għassa tal-pulizija.

• Fis-7 t'April, fis-7 ta'filgħodu, Mattew Sultana ta' 66 sena, iben il-mejjet Bernard ta' Triq Kortoll, irraporta li fil-jum ta' qabel tilef portmoni iswed li ġo fiħ kellu tliet liri u nofs sterlini, sitt xelini u nofs tal-fidda. Fortunatament, il-portmoni nstab fl-istess jum ta' qabel u ntradd lura lil Mattew li min-naħa tiegħu ħalla riċevuta fir-reġistru tal-pulizija. (please pic.)

• Fit-12 ta' Lulju, fl-4.30 ta' filgħaxija, Ġanni Farrugia ta' 55 sena iben il-mejjet Ġużeppi ta' 12 Triq Wara l-Knisja, irraporta li madwar tmint ijiem ilu huwa tilef lira tad-deheb fil-ħanut tal-merċa tiegħu. Ir-rapport ġie ċirkulat mill-pulizija.

**Tfigħ ta' ġebel**

• Fit-12 ta' Jannar, fis-7 ta' filgħaxija, Anġlu Sultana, iben Ġużepp ta' 5 Triq l-Għejun, irraporta li fil-15 ta' Diċembru tax-xahar ta' qabel, madwar it-8 ta' filgħodu, Salvatore Vella ta' 30 sena, iben Ġużeppi ta' 4 Triq Ġnien Xibla, kien waddab xi ġebel fid-direzzjoni tiegħu.

• Nhar it-18 ta' Mejju, fil-5 ta' filgħaxija, Franġisk Saliba ta' 50 sena iben il-mejjet Karmnu ta' 89 Triq Marsalforn, irraporta li fil-lejl li għadda nies mhux magħrufin xeħtu ġebel għall-bieb ta' barra tiegħu. Huwa m'għandu susspetti f'ħadd.

**Ħruq**

• Fit-12 ta' Frar, fil-5 ta' filgħodu, il-pulizija irreġistrat inċident ta' ħruq. Dan seħħ ġewwa kamra proprjeta' ta' Pawlu Spiteri ta' 50 sena, iben il-mejjet Ġużeppi ta' 28 Triq Parisott. Fil-kamra kien hemm kwantita' ta' tiben li ħa n-nar. In-nar intefa mill-pulizija u bl-għajnuna ta' numru ta' nies. Il-pulizija għamlet indaġni tagħha u rriżultalha li n-nar beda b'riżultat tat-traskuraġni ta' iben il-proprjetarju, Ġużeppi ta' 11-il sena, li kien ħalla xemgħa mixgħula fil-kamra. Il-ħsarat sofferti kienu jqumu għal lira Sterlina.



Dun Ruman Bajada.

• Fit-2 t'April, fl-4.15 ta' filgħaxija, Indrija Xikluna, iben Anton ta' 40 Triq Ġnien Xibla, sofra ġrieħi ta' natura gravi meta ħwejġu ħadu n-nar meta kien waħdu f'dar missieru u qabbad sulfarina. Ħajtu kienet fil-periklu kaġun tal-ħruq qawwi. Dan ġie iċċertifikat mit-tabib tad-distrett Dr. Antonio Cremona. Il-pulizija mexxiet ir-rapport u talbet lill-Maġistrat G. Cremona li rreġistra x-xhieda tal-pazjent li min-naħa tiegħu li l-inċident kien responsabbli għalih huwa stess u ma kien hemm ebda persuna oħra involuta fl-inċident. Sfortunatament, Indrija miet l-għada filgħodu fl-isptar t'Għawdex konsegwenza tal-ħruq li sofra ma' ġismu.

**Korrimenti**

• Fis-6 ta' Marzu, fis-7.30 ta' filgħodu, Vitorja Sultana, mart Karmnu ta' 46 Triq Ġnien Xibla, waqt li kienet nieżla minn fuq is-sellum, żelqet u waqgħet għall-art. Hija sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa minn sikkina li nzertat kienet fl-art. Dan kollu ġie ċċertifikat mit-tabib tad-distrett Dr. Antonio Cremona.

• Fl-20 t'April, fil-5 ta' filgħaxija, Wenzu Stellini, iben il-mejjet Salvu ta' 5A Triq Knisja, irraporta li nies mhux magħrufin neħħew xi madum mill-proprjeta' tiegħu u poġġewh fuq il-bieb tad-dar ta' fejn jgħix. Dan seħħ matul il-lejl fit-18 tal-istess xahar. Il-madum tpoġġa b'tali mod li meta Wenzu jiftaħ il-bieb, il-madum jaqa' fuqu u jkorrih.

• Fit-28 t'April, fil-5 ta' filgħaxija, Mikelanġ Galea, iben Ġużepp ta' 43 Triq it-Tiġrija, ġie rraportat li waqt li kien fid-dar ta' missieru, żelaq waqt li kien nieżel minn fuq is-sellum u waqa' għall-art. Huwa sofra ġrieħi ta' natura gravi minħabba t-tul ta' żmien sabiex ifiq u kif iċċertifika t-tabib tad-distrett, Dr. Antonio Cremona.

• Fis-27 ta' Mejju, Mikelanġ Gafa ta' 22 sena iben Salvu ta' 32 Triq Marsalforn, ġie mħarrek li għamel offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Ġużeppi Sultana ta' 44 sena iben Wiġi ta' 80 Triq Marsalforn, permezz ta' mgħażqa.

• Fit-12 ta' Lulju, f'nofs il-lejl u għaxar minuti, Franġisk Borġ ta' 22 sena iben il-mejjet Franġisk, waqt li kien qed ipoġġi pistola fuq l-istonku tiegħu, aċċidentalment din splodiet u l-balla ppenetrat fir-rqiq tal-lemin ta' bejn iż-żaqq u l-koxxa. It-tabib tad-distrett, Dr. Anton Cremona, iċċertifika li l-ġerħa kienet ta' natura ħafifa. Huwa rriserva li joħroġ ċertifikat ieħor fil-każ li titfaċċa kumplikazzjoni medika fuq il-pazjent. Huwa bagħat lil Borġ l-isptar ċentrali t'Għawdex. Xhieda ta' dan l-inċident kien hemm omm Franġisk, Marija ta' 50 sena, u anke Ġanni Said ta' 23 sena iben Anġlu ta' 30 Triq Mannar.

Iżda l-istorja ma waqfitx hawn. L-għada, fl-10.30 ta' filgħaxija, l-imsemmi Said kien imħarrek talli fil-jum ta' qabel, madwar il-ħin tal-10.30 ta' filgħaxija, ġarr arma regolari (aktarx l-istess pistola inkwistjoni) mingħajr il-liċenzja tal-pulizija u talli ħalliha f'idejn



Il-Kanonku Dun Angelo Bajada.



Bidwi b'merħla nagħaġ.

Borġ. Said tressaq il-Qorti fl-10 ta' Settembru u ġie mmultat għaxar xelini. L-istess Borġ tressaq il-Qorti fl-istess jum u ġie wkoll immultat għaxar xelini talli fil-jum ta' qabel l-inċident, f'nofs il-lejl neqsin kwart, ġarr il-pistola mingħajr liċenzja tal-pulizija.

- Fil-5 ta' Novembru, fl-4 ta' filgħaxija, Vitor Azzopardi ta' 39 sena iben il-mejjet Ġovanni ta' Triq Ramla, Nadur, għamel rapport li madwar għoxrin jum qabel, ċertu Ġużeppi Sultana ta' 30 sena ta' missier mhux magħruf ta' 14 Triq Ġorf, Xagħra, waqt li Sultana kien għall-kaċċa qrib Triq Ġorf, aċċidentalment laqat b'xi ċomb lil Binnard Sultana ta' 50 sena, iben il-mejjet Anġlu u lil ibnu Ġużeppi, ta' 11-il sena, it-tnejn mix-Xagħra. Saru l-investigazzjonijiet mill-kuntistabbli 310 Teuma li rriżultalu li r-rapport li kien għamel Azzopardi kien ġenwin. Sultana ma kellux liċenzja tal-arma u l-vittmi ma sofrew ebda ġrieħi waqt l-inċident. Issejħu wkoll il-vittmi u ġew interrogati. Huma ddikjaraw li l-każ kien wieħed aċċidentali u talbu li ma jittiħdux passi. Iżda l-għada tar-rapport, 6 ta' Novembru, il-pulizija ħarrket lill-imsemmi Ġużeppi Sultana talli kien qed iġorr fuqu arma tan-nar mingħajr liċenzja tal-pulizija. Meta fis-17 ta' Diċembru tressaq il-Qorti, Sultana ġie mmultat żewġ liri sterlini. Biex issaħħaħ l-akkuża, il-pulizija ġibdet bħala xhieda lill-vittmi Binnard Sultana u ibnu.

**Ħebb u theddid**

- Fl-24 ta' Settembru, Anton Sultana ta' 18-il sena iben Każimir ta' 15 Triq Sant'Anton, ġie mħarrek talli ġar sikkina mingħajr liċenzja tal-pulizija u hedded biha lil Mikiel Bajada ta' 30 sena iben Feliċ ta' 30 Triq Żarmuġ. Fil-5 ta' Novembru tressaq il-Qorti u ġie mmultat 15-il xelin.

**Mixxellanji**

- Fid-19 ta' Jannar, fil-11 ta' filgħodu, il-Kanonku Dun Anġlu Bajada, iben il-mejjet Wistin ta' 59 Pjazza Rjali, irraporta, li waqt li kien fil-għalqa tiegħu fl-inħawi Tal-Pergla, skopra xaqq fil-blat li ssuppona li kien qabar antik. Min-naħa tagħhom il-pulizija ħadu l-passi meħtieġa billi inkarigaw lill-perit tad-distrett, N. Said. Dan ordna li jsiru x-xogħlijiet meħtieġa taħt is-superviżjoni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet pubbliċi.

- Fit-18 ta' Frar, nerġgħu niltaqgħu mal-Kanonku Dun Anġ Bajada meta fis-7 ta' filgħaxija għamel rapport mal-pulizija li fil-jiem li għaddew tilef portmoni tal-ġilda li ġo fih kien hemm sitt xelini tal-fidda u ftit flus tar-ram.

- Fit-3 ta' Marzu, fis-7.30 ta' filgħodu, Fortun Refalo minn iben mhux magħruf ta' 4 Triq Sant'Anton, kien imħarrek mill-pulizija talli kien qed ibigħ pitrolju fit-triq mingħajr il-liċenzja tal-pulizija. Huwa tressaq il-Qorti fis-16 ta' April. Iżda ma nafux jekk ġiex immultat jew liberat.

- Fil-15 t'April, fl-4 ta' filgħaxija, Ġużeppi Galea, iben Mikiel ta' 43 Triq it-Tiġrija, irraporta, li Manwel Galea ta' 16-il sena, iben Franġisk ta' 44 Triq il-Knisja, fil-jum ta' qabel insulenta lil bintu Marija ta' 8 snin billi għamlilha mossi oxxeni. Huwa talab li ma jittiħdux passi. Iżda jidher li Manwel kien imqabbad ma' din il-familja. Intant fl-istess jum tal-20 t'April, fil-5.30 ta' filgħaxija, Manwel kien imħarrek talli wkoll fis-17 t'April ikkommetta atti li joffendu l-modestja u l-morali f'post pubbliku. Xhieda ta' dan kien hemm Marjanna Galea ta' 30 sena, mart Ġużeppi ta' 43, Triq it-Tiġrija. Fl-4 ta' Ġunju ġiet iffissata seduta sabiex Manwel jitressaq il-Qorti. Iżda l-pulizija ma setgħetx tressqu l-Qorti peress li Manwel kien telaq minn Għawdex.

- Ħamest ijiem wara, fl-20 t'April, fis-1 ta' filgħaxija, nerġgħu niltaqgħu ma' l-istess Manwel meta ġie mħarrek talli fis-17 t'April daħal fil-bitħa li tiegħu għad-dar tal-familja ta' Bertu Hili mingħajr il-kunsens ta' dan. Id-dar tal-familja Hili kienet iġġib in-numru ta' 4 Triq Għajn Qamar. Jidher li l-interess ta'

Manwel kien li jisraq xi tajr li kien jinżamm fl-istess bitħa.

- Fit-18 ta' Mejju, Karmnu Grima ta' 17-il sena iben Ġużeppi ta' Triq Marsalforn, Anton Ħili ta' 18-il sena iben Mikiel ta' 20 Triq Marsalforn, Pawlu Sultana ta' 30 sena iben Ġużeppi ta' 4 Triq Jannar u Manwel Galea ta' 21 sena iben Liberat ta' 11 Triq Marsalforn, ġew imħarrkin talli mal-lejl ripetutament kissru s-skiet u l-mistrieħ tan-nies b'għajat u kant u li bi kliem baxx insulentaw lil Franġisk Saliba u l-familja tiegħu kif ukoll insulentaw lil diversi membri tal-pulizija. Kien hemm numru ta' xhieda.



Dris fuq il-qiegħa.

Dawn tressqu lkoll quddiem il-Qorti fil-25 ta' Ġunju. Fir-rigward ta' Grima u Sultana ma sar xejn għax kienu ħallew il-gżira filwaqt li fir-rigward ta' Ħili u Galea ġew imwissijin li ma jagħmlux reat simili għal sena u multa ta' ħamsin lira sterlina.

- Fit-18 ta' Ġunju, Ġuditta Zammit, mart Ġużeppi ta' 16 Triq Sant'Anton, tressqet il-Qorti u ġiet immultata żewġ xelini u sitt soldi talli fit-2 ta' Mejju, fis-7.00 ta' filgħaxija afdat annimal lil binha, Pawlu ta' 14-il sena li kien bniedem inkompetenti.

- Fit-28 ta' Mejju, Karmnu Attard ta' 50 sena iben il-mejjet Pawlu ta' 12, Triq Kortoll, tressaq il-Qorti fit-2 ta' Lulju u akkużat talli żamm il-bir mikxuf mingħajr ħorża fl-għalqa tiegħu msejħa Tad-Dajna. Huwa ġie mwissi mill-Qorti.

- Fis-6 ta' Lulju, fl-4 ta' filgħaxija, Franġisk Azzopardi ta' 70 sena iben il-mejjet Ludoviku ta' 23 Triq il-Kappuċċini, ir-Rabat, ġie mħarrek talli fix-Xagħra eżerċita l-professjoni ta' tabib mingħajr il-liċenzja tal-Gvern. Huwa tressaq il-Qorti fit-23 ta' Lulju u xehdu numru ta' persuni mix-Xagħra. Huwa nstab ħati u ġie kkundannat għall-multa ta' ħames liri sterlina.

- Fis-6 ta' Lulju, fit-3 ta' filgħaxija, Ġużeppi Grech ta' 20 sena iben Ġużeppi ta' 75 Triq it-Tiġrija, irraporta li Ġużeppi Portelli ta' 25 sena iben Wiġi ta' 3 Triq it-Tiġrija, daħal fid-dar tiegħu billi xxabbat ma' ħajt tas-sejjieħ mingħajr il-kunsens tiegħu u insulentaħ.

- Fit-8 t'Awwissu, fis-6 ta' filgħaxija, Ġużeppi Sultana ta' 44 sena iben Wiġi ta' 80 Triq Marsalforn, irraporta li kien reputatament mhedded minn Mikelanġ Gafa' ta' 25 sena, iben Salvu ta' 30 Triq Marsalforn, u rraporta wkoll li madwar xahar ilu huwa sab kabboċċi u xtieli tal-frawli neqsin mill-għalqa tiegħu. Huwa jissuspetta f'Gafa' u anke għall-ġebel li sab nieqes mill-ħitan li jdawru l-istess għalqa.

- Fl-24 t'Awwissu, fis-7.30 ta' filgħaxija, Mikiel Attard ta' 60 sena iben il-mejjet Wenzu ta' 10 Triq Marsalforn, irraporta li bejn il-jiem tal-21 u 22 tal-istess xahar, persuni mhux magħrufin kissru l-kanali tal-ġebel għall-ilma fl-għalqa tiegħu li tinsab fl-inħawi Ta' Għajn Maddew u kkaġunaw danni li jqumu żewġ xelini. Huwa ma jissusspetta f'ħadd.

- Tlett ijiem qabel il-festa tal-Bambina, fil-5 ta' Settembru, fit-8.15 ta' filgħaxija, Mikiel Said ta' 18-il sena iben Franġisk ta' 6 Triq Sruċ u Ġużeppi Attard ta' 17-il sena iben Ruman ta' 20 Triq Sruċ ġew imħarrkin talli mingħajr liċenzja tal-pulizija, sparaw xi nar ta' l-art. Barra minn dan Said uża l-forza sabiex iweġġa' lil Marija Portelli. Dawn tressqu l-Qorti fit-22 ta' Ottubru. Said weħel multa ta' 10 xelini u Attard weħel multa ta' xelin wieħed.

- Nhar is-17 ta' Settembru, fit-8.30 ta' filgħodu, daħal rapport minn Ġużeppi Attard ta' 30 sena iben Karmnu ta' 15 Triq San Ġovanni tar-Rabat, u ddepożita biċċa injama tal-abjad fl-għassa tal-pulizija ta' Marsalforn, huwa raha tmewweġ f'wiċċ l-ilma. Fuq kellha skrizzjoni *"Breslau" S.W.S. Breslau – Optional Konstantinopel.*

- Erba' ġuvintur imfarfrin, fl-4 ta' filgħaxija, Ġużeppi Attard ta' 18-il sena iben Fortun ta' 10 Triq Żarmuġ; Manwel Mifsud ta' 27 sena iben Franġisk

ta' 2 Triq Bullara; Franġsik Bajada ta' 16-il sena iben missier mhux magħruf ta' 18 Triq Żarmuġ u Mikiel Bajada ta' 30 sena iben Feliċ ta' 1 Triq Spiera, ġew imħarrka talli fl-aħħar jiem repetutament ħadu sehem f'logħob ta' l-azzard għal flus. Huma tressqu l-Qorti fil-5 ta' Novembru u ġew immultati għaxar xelini kull wieħed ħlief Bajada li weħel tmint ijiem detenzjoni. Fl-istess jum u ħin ġew imħarrkin Anton Sultana ta' 17-il sena iben Każimir ta' 15 Triq Sant'Anton kif ukoll mill-ġdid Manwel Mifsud, imsemmi qabel, talli fil-21 ta' Settembru fl-4 ta' filgħaxija nqabdu jilagħbu logħob tal-azzard. Dawn ukoll tressqu l-Qorti fl-istess jum fejn Sultana weħel multa ta' 10 xelini filwaqt li Mifsud inżamm tmint ijiem detenzjoni.

- Fit-3 t'Ottubru, fis-7 ta' filgħodu, Ġużeppi Attard ta' 33 sena iben Mikiel ta' 2 Triq Wara l-Knisja, ġie mħarrek talli qatel qattusa, proprjeta' ta' Ġużeppi Sultana, b'arma tan-nar minn fuq il-blat imsejjaħ Tal-Mielħa. Fit-3 ta' Diċembru Attard tressaq il-Qorti u ġie liberat. Waqt it-trattazzjoni ġie rilevat li Attard kellu liċenzja tal-arma għal skop ta' kaċċa. Huwa spara għall-qattusa f'għalqa. Ma kienx hemm moħqrija lill-annimal.

- Fid-19 t'Ottubru, fis-6.30 ta' filgħaxija, Ġużeppi Farrugia ta' 55 sena iben il-mejjet Mikiel ta' 3 Triq Kortoll, irraporta li persuni mhux magħrufin ippruvaw jiftħu l-bieb ta' barra b'muftieħ falz.

- Fid-29 t'Ottubru, fil-11.30 ta' filgħodu, Mikiel Sultana ta' 66 sena iben il-mejjet Wenzu ta' 6 Triq il-Knisja, irraporta li fil-lejl li għadda, persuni mhux magħrufin sgassaw bieb ta' kamra fl-għalqa tiegħu li kienet tinsab fl-inħawi ta' Għajn Lukin. Minnha nsterqu żewġt iħrief (il-ħaruf kellu sufu abjad ittikkjat bl-iswed f'wiċċu filwaqt li l-ħarufa kellha wiċċha abjad ittikkjat b'kannella ċar) li t-tnejn kellhom valur ta' 14-il xelin. Mill-kamra naqsu wkoll xkubetta ta' bi tnejn li kienet tiswa lira sterlina. Huwa ma jissusspetta f'ħadd. Bl-inċident ġie mgħarraf il-Maġistrat Dr. Cremona u l-għada filgħodu fl-10 huwa żamm inkjesta fuq il-post tal-inċident.

- Fit-23 ta' Novembru, fid-9 ta' filgħaxija, Anġlu Ħili ta' 40 sena iben il-mejjet Anton ta' 4 Triq Għonqa, ġie mħarrek talli fit-22 ta' Novembru kiser il-kundizzjonijiet tal-liċenzja tiegħu billi ippermetta l-konsum ta' inbid komuni fil-ħanut tiegħu mingħajr permess. Ħili tressaq darbtejn il-Qorti u ġie mmultat żewġ xelini u sitt soldi.

Jidher li l-affari kibret peress li nofs siegħa wara li sar ir-rapport, fid-9.30 ta' filgħaxija, Manwel Ħili ta' 19-il sena iben Franġisk ta' 15 Triq it-Tiġrija, ġie arrestat mill-ispettur Gauci u akkużat talli b'istrument ippuntat u jaqta' ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Manwel Zammit ta' 22 sena iben Franġisk ta' 101 Triq Marsalforn. Ħili tressaq tliet darbiet il-Qorti u tressqu numru ta' xhieda. Fil-21 ta' Diċembru, ġie kkundannat tlett ijiem priġunerija mill-Maġistrat Cremona. Sgiċċaha bi sbrixx għall-Milied!!

- Fis-27 ta' Novembru, f'nofsinhar, Ġorġ Sultana ta' 34 sena iben il-mejjet Kurun ta' 23 Triq it-Tiġrija, iddepożita fl-għassa tal-pulizija, baga tal-baħar li fuqha kellha miktub *Euston Lond.* li kien sab f'xatt l-Irdum, ir-Ramla.

- Fis-27 ta' Novembru, fit-8.00 ta' filgħodu, Ġużeppi Pace ta' 31 sena iben Wenzu ta' 5 Triq il-Kaċċaturi, Ġużeppi Refalo ta' 32 sena iben Karmnu ta' 48 Triq it-Tiġrija u Mikelanġ Bonello ta' 29 sena iben Wiġi ta' 47 Triq Ġnien Xibla, iddepożitaw fl-għassa tal-pulizija, bersall tas-sufra forma ta' salib ta' madwar erba' piedi kwadru li f'nofsha kellha tubu tal-metal u tliet ktajjen żgħar tal-metall. Fit-truf tagħha kien hemm miktub A.BEHIC M. MARSEILLE. M..

© 2014



Bdiewa jagħżqu r-raba'.